



Brussell, 10 ta' Settembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0295(NLE)

11493/18
ADD 1 REV 1

TRANS 337

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 11493/18 TRANS 337 ADD 1	
Nru dok. Cion:	ST 11482/18 TRANS 335 ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-13-il Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) rigward ċerti emendi għall-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) u għall-Appendiċijiet tagħha

Dokument mehmuż mad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq.

1. INTRODUZZJONI

It-13-il sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) ser issir fil-25 u fis-26 ta' Settembru 2018. Id-dokumenti tas-seduta huma disponibbli fuq is-sit web tal-OTIF permezz ta' dan il-link: http://extranet.otif.org/en/?page_id=1071.

2. KUMMENTI DWAR IL-PUNTI FL-AĠENDA

Il-Punt 1 fl-aġenda – L-elezzjoni tal-President u tal-Viċi President

Dokument(i): L-ebda

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Istati Membri

Pożizzjoni: L-ebda

Il-Punt 2 fl-aġenda – L-adozzjoni tal-aġenda

Dokument(i): SG-18028-AG 13/2.1; SG-18047-AG 13/2.2

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża u esklużiva), mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-punt 9 tal-aġenda

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-punt 9 tal-aġenda

Pożizzjoni: Favur l-adozzjoni tal-aġenda

Il-Punt 3 fl-aġenda – Il-formazzjoni tal-Komitat tal-Kredenzjali

Dokument(i): L-ebda

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Istati Membri

Pożizzjoni: L-ebda

Il-Punt 4 fl-aġenda – L-organizzazzjoni tal-ħidma u d-deżinjazzjoni ta' kwalunkwe Kumitat meqjus meħtieġ

Dokument(i): L-ebda

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Istati Membri

Pożizzjoni: L-ebda

Il-Punt 5 fl-aġenda – Il-modifika tar-Regoli ta' Proċedura

Dokument(i): SG-18030-AG 13/5

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża u esklużiva)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Unjoni

Pożizzjoni: Appoġġ għall-emendar tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali.

L-abbozzi ta' emendi proposti għar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Ġenerali tal-OTIF jirrigwardaw l-iskadenzi għat-tressiq u għat-tqassim tad-dokumenti, il-parteeċipazzjoni ta' esperti indipendenti u kjarifika tad-dispożizzjonijiet marbuta mal-eżerċizzju tad-drittijiet minn organizzazzjonijiet reġjonali. Il-verżjoni attwali tar-Regoli ta' Proċedura tippreċedi l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni COTIF; għaldaqstant, ċerti dispożizzjonijiet jeħtieġ li jiġu aġġornati, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-kworum u li jirregolaw id-drittijiet għall-vot tal-Unjoni (l-Artikoli 20 u 21), li jridu jiġu modifikati sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni COTIF u mal-Ftehim bejn l-UE u l-OTIF. Il-modifiki l-oħra li ġew proposti għandhom l-għan li jiżguraw proċedimenti ordnati tal-Assemblea Ġenerali abbażi tal-aqwa prattika internazzjonali disponibbli u l-prattika tal-OTIF; dawn jenħtieġ li jiġu appoġġati wkoll.

Il-Punt 6 fl-aġenda – L-elezzjoni ta' Segretarju Ġenerali għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2021

Dokument(i): Distribuzzjoni ristretta

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Istati Membri

Pożizzjoni: L-ebda

Il-Punt 7 fl-aġenda – Is-sħubija tal-OTIF – il-qagħda ġenerali

Dokument(i): SG-18032-AG 13/7

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: mhux applikabbli

Pożizzjoni: L-ebda

Il-Punt 8 fl-aġenda – Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u ma' assoċjazzjonijiet internazzjonali

Dokument(i): SG-18048-AG 13/8

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża u esklużiva)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Unjoni

Pożizzjoni:

Oppożizzjoni għall-proposta mis-Segretarjat tal-OTIF li l-Assemblea Ġenerali jenħtieġ li tawtorizza lill-Kumitat Amministrattiv biex jistabbilixxi u jxolji l-gruppi ta' kuntatt konsultattivi ma' organizzazzjonijiet u ma' assoċjazzjonijiet internazzjonali oħra, u biex jissorvelja l-funzjonament tal-gruppi ta' kuntatt.

Proposta li, skont l-Artikolu 13 § 2 tal-Konvenzjoni COTIF, l-Assemblea Ġenerali tiddeċiedi li tistabbilixxi b'mod temporanju, jiġifieri għal perijodu ta' erba' snin, kumitat *ad hoc* li jingħata l-kompitu li jistabbilixxi u jxolji l-gruppi ta' kuntatt konsultattivi ma' organizzazzjonijiet u ma' assoċjazzjonijiet internazzjonali oħra, u li jissorvelja l-funzjonament tal-gruppi ta' kuntatt. Jenħtieġ li l-Unjoni tkun intitolata tipparteċipa fil-ħidma tal-Kumitat *ad hoc* skont l-Artikolu 5(1) tal-ftehim dwar l-Adeżjoni. Jenħtieġ li l-attivitajiet tal-Kumitat ikunu ggwidati mill-programm ta' ħidma tal-OTIF u li jkunu konformi miegħu.

Il-proposta mis-Segretarjat tal-OTIF tikkonsisti f'deċizzjoni tal-Assemblea Ġenerali li tawtorizza lill-Kumitat Amministrattiv li jkollu s-setgħa li jistabbilixxi u jxolji gruppi ta' kuntatt konsultattivi ma' organizzazzjonijiet u ma' assoċjazzjonijiet internazzjonali oħra, u li jissorvelja l-funzjonament ta' tali gruppi. F'dan l-istadju, l-Unjoni tikkondividi l-għan, jiġifieri li tippermetti grad ta' flessibbiltà fil-kwistjonijiet ikkonċernati. Madankollu, l-Unjoni ma tistax taċċetta l-proposta kif inhi, peress li twassal għall-għoti ta' kompitu ġdid lill-Kumitat Amministrattiv, li jmur lil hinn minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 15 § 2 tal-Konvenzjoni COTIF, mingħajr emenda formali ta' din tal-aħħar, imħaddma skont il-proċeduri applikabbli.

Madankollu, peress li l-Unjoni tikkondividi l-għan ġenerali, hi tissuġġerixxi lill-Assemblea Ġenerali li tistabbilixxi kumitat *ad hoc* b'mod temporanju, skont l-Artikolu 13 § 2 tal-Konvenzjoni, bil-kompitu li jistabbilixxi u jxolji l-gruppi ta' kuntatt konsultattivi ma' organizzazzjonijiet u ma' assoċjazzjonijiet internazzjonali oħra, u li jissorvelja l-funzjonament ta' tali gruppi. F'dan ir-rigward, huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li tali kompiti għandhom implikazzjonijiet prattiċi għall-iżvilupp ta' politiki fil-livell tal-OTIF fl-oqsma kollha. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġi ggarantit li l-Unjoni tkun involuta għalkollox f'dawn l-attivitajiet, skont l-Artikolu 5(1) tal-Ftehim dwar l-Adeżjoni.

Perijodu ta' erba' snin għandu jkun xieraq, sabiex wieħed jiġġudika, qabel l-iskadenza tagħha, jekk l-esperjenza miksuba hijiex sodisfaċenti. Jekk tkun sodisfaċenti, u wara t-tnejn dovuta, tista' tiġi prevista emenda għall-Konvenzjoni għal soluzzjoni strutturali, f'konformità mal-garanziji għall-Unjoni stabbiliti bl-Artikolu 5(1) tal-Ftehim dwar l-Adeżjoni.

Il-Punt 9 fl-aġenda – Il-qafas tal-baġit

Dokument(i): Distribuzzjoni ristretta

Kompetenza: L-Istati Membri

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Istati Membri

Pożizzjoni: L-ebda

Skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn l-UE u l-OTIF, "*L-Unjoni ma għandhiex tikkontribwixxi għall-baġit tal-OTIF u ma għandhiex tiegħu sehem f'deċizzjonijiet li jirrigwardaw dak il-baġit.*"

Il-Punt 10 fl-aġenda – Ir-reviżjoni parzjali tal-Konvenzjoni bażi: emenda tal-proċedura għar-reviżjoni tal-COTIF

Dokument(i): SG-18035-AG 13/10

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Istati Membri

Pożizzjoni: Appoġġ għall-emenda għall-Artikolu 34 §§ 3 sa 6 tal-Konvenzjoni COTIF u approvazzjoni tal-modifiki fir-Rapport ta' Spjegazzjoni.

Skont l-eżitu tad-diskussjoni dwar dan is-suġġett fis-26 sessjoni tal-Kumitat tar-Reviżjoni, jeħtieġ u jixraq li jiġi appoġġat l-emendar propost għall-Konvenzjoni COTIF, sabiex jiġi previst perijodu ta' żmien fiss (36 xahar) għad-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Appendiċijiet adottati mill-Assemblea Ġenerali, fosthom il-klawżola ta' flessibilità biex tali skadenza tiġi estiża fuq bażi ta' każ b'każ, fejn dan jiġi deċiż mill-Assemblea Ġenerali bil-maġġoranza stipulata fl-Artikolu 14 § 6 tal-Konvenzjoni COTIF.

Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb u tiffaċilita l-proċedura għar-reviżjoni tal-Konvenzjoni COTIF bil-ħsieb li l-emendi għall-Konvenzjoni u għall-Appendiċijiet tagħha jiġu implimentati malajr u b'mod konsistenti, u sabiex jiġu evitati effetti avversi tal-proċedura ta' reviżjoni attwali li tiegħu fit-tul, inkluż ir-riskju ta' allinjament ħażin intern bejn l-emendi adottati mill-Kumitat tar-Reviżjoni u dawk adottati mill-Assemblea Ġenerali, kif ukoll allinjament ħażin estern, b'mod partikolari mad-dritt tal-Unjoni.

Il-Punt 11 fl-aġenda – Ir-reviżjoni parzjali tas-CIM UR – ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali

Dokument(i): SG-18036-AG 13/11

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża u esklużiva)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Unjoni (f'każ li jkun hemm votazzjoni)

Pożizzjoni: Jitqies ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali u jingħataw struzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali biex fl-14-il Assemblea Ġenerali jressaq rapport dwar il-progress tal-ħidma fir-rigward ta' kwistjonijiet doganali u d-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti tat-trasport tal-merkanzija u, jekk ikun meħtieġ, iressaq proposti biex jiġu emendati s-CIM UR.

Il-Punt 12 fl-aġenda – Ir-reviżjoni parzjali tas-CUI UR

Dokument(i): SG-18037-AG 13/12

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Istati Membri

Pożizzjoni:

Appoġġ għall-emendi għat-Titolu u għall-Artikoli 1, 3, 5 (§ 1), 5a (§§ 1 u 2), 7 (§ 2), 8, 9 (§ 1) u 10 (§ 3) tas-CUI UR, u approvazzjoni tal-modifiki fir-Rapport ta' Spjegazzjoni.

Appoġġ, għall-fini tal-modifiki tas-CUI UR, għall-emendi għall-Artikoli 2 (§ 1, l-ittra a), Nru 3) u 6 (§ 1, l-ittra e)) tal-Konvenzjoni COTIF.

Skont l-emendi approvati waqt is-26 sessjoni tal-Kumitat tar-Reviżjoni fi Frar 2018, il-modifiki proposti essenzjalment għandhom l-għan li jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tas-CUI UR bl-introduzzjoni ta' definizzjoni fl-Artikolu 3 ta' "traffiku internazzjonali bil-ferrovija" li tfisser "traffiku li jirrikjedi l-użu ta' mogħdija ferrovjarja internazzjonali jew ta' diversi mogħdijiet ferrovjarji nazzjonali suċċessivi li jkunu jinsabu f'minn tal-inqas żewġ Stati u li jkunu kkoordinati mill-maniġers tal-infrastruttura kkonċernati", u bl-emendar tal-Artikolu 1 (Il-Kamp ta' Applikazzjoni) skont dan, filwaqt li tinżamm ir-rabta mas-CIV u mas-CIM UR. L-għan huwa li jiġi żgurat li s-CUI UR jiġu applikati b'mod iktar sistematiku għall-għan maħsub tagħhom, jiġifieri fit-traffiku internazzjonali bil-ferrovija.

L-abbozzi ta' emendi huma konsistenti mad-definizzjonijiet u mad-dispożizzjonijiet tal-acquis tal-Unjoni fir-rigward tal-ġestjoni tal-infrastruttura ferrovjarja u l-koordinazzjoni bejn il-maniġers tal-infrastruttura (eż. l-Artikoli 40, 43 u 46 tad-Direttiva 2012/34/UE (riformulazzjoni)). Fir-rigward tal-abbozz ta' emenda propost għall-Artikolu 8 (Ir-responsabbiltà tal-maniġer), dan huwa essenzjalment editorjali u ma jaffettwax il-kamp ta' applikazzjoni jew is-sustanza tad-dispożizzjoni. L-abbozzi ta' emendi proposti għall-Artikolu 9 kif ukoll għall-Artikoli 3, 5, 5a, 7 u 10 huma strettament editorjali.

Il-Punt 13 fl-aġenda – Ir-reviżjoni parzjali tal-ATMF UR

Dokument(i): SG-18038-AG 13/13

Kompetenza: L-Unjoni (esklużiva)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Unjoni

Pożizzjoni: Appoġġ għar-reviżjoni parzjali tal-ATMF UR kif proposta mis-Segretarjat tal-OTIF.

Reviżjoni parzjali tal-ATMF UR ġiet adottata fis-26 sessjoni tal-Kumitat tar-Reviżjoni għar-raġunijiet deskritti fil-paragrafu li ġej. Madankollu, din ir-reviżjoni kienet timplika wkoll xi bidliet żgħira ta' natura editorjali jew lingwistika fl-Artikoli 1, 3 u 9 tal-ATMF UR, li mhumiex kompetenza tal-Kumitat tar-Reviżjoni. Għalhekk, jenħteġ li dawn jiġu adottati mill-Assemblea Ġenerali.

Id-dispożizzjonijiet tal-ATMF UR huma kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/57/KE dwar l-Interoperabilità tal-Unjoni Ewropea u ma' parti mid-Direttiva 2009/49/KE dwar is-Sikurezza. Bl-adozzjoni tar-raba' pakkett ferrovjarju, l-Unjoni bidlet diversi dispożizzjonijiet ta' dan l-acquis. Abbażi ta' analiżi mill-Kummissjoni, is-Segretarjat tal-OTIF u l-grupp ta' ħidma rilevanti ħejjew modifiki li jikkonċernaw l-Artikoli 2, 3a, 5, 6, 7, 10, 10b, 11 u 13 tal-ATMF UR. Dawn il-modifiki huma meħtieġa sabiex xi terminoloġija tiġi armonizzata mad-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-UE u sabiex jiġqiesu xi bidliet proċedurali fl-UE, b'mod partikolari l-fatt li Aġenzija tal-UE għall-Ferroviji ser tkun kompetenti biex toħroġ l-awtorizzazzjonijiet għall-vetturi. Il-kunċett bażiku tal-ATMF mhuwiex affettwat bit-tibdil propost.

Il-Punt 14 fl-aġenda – Appendiċi H ġdid rigward it-tħaddim sikur tal-ferroviji fit-traffiku internazzjonali

Dokument(i): SG-18039-AG 13/14.1; SG-18040-AG 13/14.2

Kompetenza: L-Unjoni (esklużiva)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Unjoni

Pożizzjoni:

Appoġġ (SG-18039-AG 13/14.1) għall-inklużjoni ta' Appendiċi H ġdid mal-Konvenzjoni COTIF rigward it-tħaddim sikur tal-ferroviji fit-traffiku internazzjonali u approvazzjoni tal-modifiki tar-Rapport ta' Spjegazzjoni.

Appoġġ (SG-18040-AG 13/14.2), għall-fini tal-inklużjoni ta' Appendiċi H ġdid, għall-modifiki fl-Artikoli 2 (§ 1), 6 (§ 1), 20 (§§ 1 u 2), 33 (§§ 4 u 6) u 35 (§§ 4 u 6) tal-Konvenzjoni COTIF u approvazzjoni tal-modifiki tar-Rapport ta' Spjegazzjoni.

L-abbozz ta' Appendiċi H ġdid jistabbilixxi dispożizzjonijiet li jirregolaw it-tħaddim sikur tal-ferroviji fit-traffiku internazzjonali bl-għan li l-Konvenzjoni COTIF tiġi armonizzata mal-acquis tal-Unjoni u sabiex tiġi appoġġata l-interoperabilità lil hinn mill-Unjoni Ewropea. It-test propost huwa skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva l-ġdida (UE) 2016/798 dwar is-sikurezza u skont il-leġislazzjoni sekondarja relatata. Kif indikat, jeħtieġ ukoll li ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni COTIF jiġu mmodifikati għall-fini tal-inklużjoni ta' dan l-Appendiċi H ġdid.

It-testi proposti jitressqu lill-Assemblea Ġenerali skont deċiżjoni tas-26 sessjoni tal-Kumitat tar-Reviżjoni u huma konformi għalkollox mal-pożizzjoni tal-Unjoni li ġiet definita bi tħejjija għall-Kumitat tar-Reviżjoni.

Il-Punt 15 fl-aġenda – Diskussjoni ġenerali dwar il-ħtieġa li jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet tal-aċċess

Dokument(i): SG-18041-AG 13/15

Kompetenza: L-Unjoni (esklużiva)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Unjoni

Pożizzjoni: Appoġġ għall-proposta mis-Segretarjat tal-OTIF biex is-Segretarju Ġenerali jkollu l-mandat biex ikompli l-ħidma fir-rigward tal-iżvilupp ta' qafas ġuridiku mhux vinkolanti dwar il-kundizzjonijiet tal-aċċess għan-netwerk ferrovjarju internazzjonali, skont il-linji gwida stabbiliti fit-Taqsima VI tad-dokument SG-18041-AG 13/15, fil-qafas tal-grupp ta' ħidma ta' esperti ġuridiċi u f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u ma' assoċjazzjonijiet internazzjonali kompetenti.

Is-suġġett – il-kundizzjonijiet tal-aċċess għan-netwerk ferrovjarju – huwa rregolat fil-livell tal-UE bid-Direttiva 2012/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni). F'konformità mad-diskussjoni li saret dwar dan is-suġġett waqt is-26 sessjoni tal-Kumitat tar-Reviżjoni fi Frar 2018, jixraq li jkompli jingħata appoġġ għall-inizjattiva tal-OTIF dwar l-iżvilupp ta' qafas ġuridiku mhux vinkolanti dwar il-kundizzjonijiet tal-aċċess għan-netwerk ferrovjarju, bħala mezz biex it-traffiku ferrovjarju internazzjonali jiġi ffaċilitat u jittejjeb lil hinn mill-UE.

Il-Punt 16 fl-aġenda – Il-Liġi Unifikata dwar il-Ferroviji – ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali

Dokument(i): SG-18042-AG 13/16

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Istati Membri

Pożizzjoni:

Jitqies ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali u jingħataw struzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali biex ikompli l-koooperazzjoni man-NU/KEE dwar l-inizjattiva tal-Liġi Unifikata dwar il-Ferroviji.

Il-Kumitat Amministrattiv jingħata l-mandat biex isegwi l-inizjattiva tan-NU/KEE dwar il-Liġi Unifikata dwar il-Ferroviji u tinħareġ l-opinjoni konsultattiva tiegħu dwar kwistjonijiet ta' politika ġenerali, fejn ikun fattibbli, u l-Grupp ta' Ħidma ta' Esperti Ġuridiċi jingħata l-mandat biex isegwi l-inizjattiva tan-NU/KEE dwar il-Liġi Unifikata dwar il-Ferroviji u tinħareġ l-opinjoni konsultattiva tiegħu dwar kwistjonijiet ġuridiċi, fejn ikun fattibbli.

Is-Segretarju Ġenerali u l-Grupp ta' Ħidma ta' Esperti Ġuridiċi jingħataw struzzjonijiet, f'konsultazzjoni mal-Kumitat Amministrattiv, biex jikkunsidraw u jipproponu soluzzjonijiet għall-involvement xieraq tal-OTIF fil-ġestjoni ta' strumenti ġuridiċi vinkolanti li jistgħu jieħdu post l-Abbozz tar-Reġim Ġuridiku dwar il-kuntratt tat-trasport tal-oġġetti kif żviluppat fil-qafas tal-inizjattiva tan-NU/KEE dwar il-Liġi Unifikata dwar il-Ferroviji, u s-Segretarju Ġenerali jingħata struzzjonijiet biex iressaq rapport lill-14-il Assemblea Ġenerali.

Filwaqt li reġim ġuridiku internazzjonali uniku jista' jipprovdi benefiċċji għat-trasport ferrovjarju fil-kontinent Ewroasjati kollu meta mqabbel maż-żewġ ordinamenti ġuridiċi li jeżistu attwalment, tali reġim uniku jista' jiġi żviluppat biss bl-impenn ċar u bil-parteciċipazzjoni tal-OSJD, tal-OTIF u tal-membri tagħhom – inkella jispiċċa jiġi żviluppat it-tielet reġim ġuridiku internazzjonali u r-regolamentazzjoni ferrovjarja internazzjonali tiġi fframmentata iktar. B'konsegwenza ta' dan, qabel ma jkun jista' jiddaħħal fis-seħħ kwalunkwe ordinament ġuridiku komprensiv, tkun meħtieġa deċiżjoni politika minn qabel mill-organizzazzjonijiet eżistenti biex jikkoordinaw dan l-għan. Għalhekk, jeħtieġ u jixraq li jiġi żgurat li l-OTIF tibqa' tiġi involuta f'dan il-proċess, b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet tal-Kumitat Amministrattiv tiegħu u tal-Grupp ta' Ħidma ta' Esperti Ġuridiċi tiegħu, u li tirrapporta dwar il-progress tal-ħidma tan-NU/KEE fil-laqgħa li jmiss tal-Assemblea Ġenerali.

Il-Punt 17 fl-aġenda – Il-Grupp ta' ħidma ta' esperti ġuridiċi

Dokument(i): SG-18046-AG 13/17

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Istati Membri

Pożizzjoni:

Approvazzjoni tal-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma konsultattiv ta' esperti ġuridiċi biex: iħejju abbozz ta' emendi jew supplimenti għall-Konvenzjoni; jipprovdi konsulenza u assistenza ġuridiċi, jippromwovi u jiffaċilita l-funzjonament u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni COTIF, jimmonitorja u jivvaluta l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni COTIF, jaġixxi bħala forum biex il-membri tal-OTIF iqajmu u jiddiskutu kwistjonijiet ġuridiċi rilevanti.

Is-Segretarju Ġenerali jingħata l-mandat biex iressaq konklużjonijiet u proposti mill-grupp ta' ħidma lill-organi kompetenti tal-OTIF għal kunsiderazzjoni u/jew għal deċiżjoni.

Is-Segretarju Ġenerali jingħata struzzjonijiet biex iressaq rapport dwar l-attivitajiet tal-grupp ta' ħidma fl-14-il laqgħa tal-Assemblea Ġenerali.

F'konformità mal-eżitu tad-diskussjoni dwar dan is-suġġett waqt is-26 sessjoni tal-Kumitat tar-Reviżjoni fi Frar 2018, jixraq li jiġi approvat il-ħolqien ta' grupp permanenti ta' esperti ġuridiċi fl-OTIF li jassisti u jiffaċilita l-funzjonament tal-organi eżistenti fil-qasam ġuridiku, u li tiġi żgurata l-ġestjoni effettiva tal-Konvenzjoni COTIF.

Il-Punt 18 fl-aġenda – Ir-rapport dwar l-attivitajiet tal-Kumitat Amministrattiv fil-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2015 u t-30 ta' Settembru 2018

Dokument(i): Distribuzzjoni ristretta

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Istati Membri

Pożizzjoni: Tittieħed nota ta' dan ir-rapport

Il-Punt 19 fl-aġenda – L-elezzjoni tal-Kumitat Amministrattiv għall-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2018 u t-30 ta' Settembru 2021 (il-kompożizzjoni u l-Presidenza)

Dokument(i): Distribuzzjoni ristretta

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Istati Membri

Pożizzjoni: L-ebda

Il-Punt 20 fl-aġenda – Id-data proviżorja tal-14-il Assemblée Ġenerali

Dokument(i): L-ebda

Kompetenza: mhux applikabbli

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: mhux applikabbli

Pożizzjoni: L-ebda

Il-Punt 21 fl-aġenda – Affarijiet oħra

Dokument(i): Mhux disponibbli

Kompetenza: Mhux applikabbli

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: Mhux applikabbli

Pożizzjoni: L-ebda

Il-Punt 22 fl-aġenda – Kwalunkwe mandat tal-Assemblea Ġenerali

Dokument(i): L-ebda

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża u esklużiva)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Unjoni

Pożizzjoni: Mandati f'konformità mal-punt 8 tal-aġenda

Il-Punt 23 fl-aġenda – Ir-rapporti tal-Kumitat, jekk ikunu meħtieġa

Dokument(i): Mhux disponibbli

Kompetenza: Mhux applikabbli

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: Mhux applikabbli

Pożizzjoni: L-ebda

Il-Punt 24 fl-aġenda – L-adozzjoni ta' deċiżjonijiet, ta' mandati, ta' rakkomandazzjonijiet u ta' dokumenti oħra tal-Assemblea Ġenerali (dokument finali)

Dokument(i): Mhux disponibbli

Kompetenza: L-Unjoni (kondiviża u esklużiva)

Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot: L-Unjoni

Pożizzjoni: Kif speċifikat fil-punti rilevanti fl-aġenda.